**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**
CHAIRPERSON

Rikors Nru 1046/2021 LC

**SAVIOUR FALZON (K.I. 76541M)**
**DORIS SPITERI (NUMRU TAL-PASSAPORT 5772870)**
**NANCY FARRUGIA (K.I. 851053M)**
**TESSIE PURKISS M (3144426)**
**JOSEPH SCIBERRAS (K.I. 713047M)**
**POSIDIO SCIBERRAS (K.I. 769548M)**
**MARIA SELLECK N (7687606)**

**EMANUEL FALZON (K.I. 15029M) LI B'DIGRIET TAL-14 TA' OTTUBRU 2022 L-ATTI ĠEW TRASFUŻI FL-ISMIJIET TA' RENATO FALZON (K.I. 410872M), CAROLINE FALZON (K.I. 534065M), NADETTE AZZOPARDI (K.I. 320376M) U DOTTOR LAURA BALDACCHINO (NRU TAL-PASSAPORT AMERIKAN A05329225)**

**CARMELO FALZON (K.I. 61234M)**
**CARMEN GRISCTI (K.I. 223651M)**
**SALVU MUSCAT (K.I. 620545M)**
**JOSEPHINE BAWDLER (PA 2317292)**
**LAURIE MIFSUD (7467ZY)**
**FIONA MIFSUD PA (PA 7318387)**

**SALVINA SCIBERRAS (K.I. 522526M) LI B'DIGRIET TAL-14 TA' OTTUBRU 2022 L-ATTI ĠEW TRASFUŻI FL-ISMIJIET TA' PAUL SCIBERRAS (K.I. 234347M), CELESTINA BORG (K.I.**

**58149M), CARMEL SCIBERRAS (K.I. 439554M), ANGELO SCIBERRAS (K.I. 78156M) U MARIA LOURDES MELI (K.I. 522526M)**

*VS*

**MARIA ASSUNTA MAGRO (K.I. 357149M)**

Illum, 19 ta' April 2023

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Saviour Falzon et, fejn talab lil dan il-Bord sabiex:

1. Jordna li jsir debitu test tal-mezzi tal-intimat u dan b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 4A(3)(ċ) tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jagħti dawk l-ordnijiet li jidhirlu opportuni, skond ir-risultanzi tat-test tal-mezzi u ċioe', illi jekk ma jiġux sodisfatti l-kriterji ta-test tal-mezzi, jordna minnufih l-iżgumbrament tal-intimat mill-fond suriferit fi żmien perentorju stabbilit minn dan l-istess Bord skond il-liġi, u jillikwida l-kumpens dovut ai termini tal-artikolu 4A(4) tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta u jordna lill-intimat iħallas il-kumpens hekk likwidat; JEW

3. Jekk jiġu sodisfatti il-kriterji tat-test tal-mezzi, jordna t-tkomplija tal-lokazzjoni relattiva, jistabbilixxi kondizzjonijiet ġodda rigward għall-ħlas tal-kera, u jiddikjara illi l-kera għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-

fond 1-b'effett mill-1 ta' Jannar tas-sena 2021, u jordna sabiex il-kera titħallas mill-intimat hekk kif dikjarat;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni u mingħajr preġudizzju għal kwalsiasi azzjoni oħra li tista' talvolta tiġi preżentata.

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar tat-18 ta' Frar 2022, fejn sommarjament, eċċepiet, fost l-oħrajn li (i) l-atturi jridu japprovaw t-titolu tagħhom u li huma waħedhom huma s-sided uniċi tal-fond; (ii) il-Bord għandu jikkostata jekk l-Att XXIV għandux jiġi applikat għal dan il-każ (iii) peress li l-Awtorità hija intervenuta fil-kawża ai termini tal-liġi, hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti; u (iv) f'każ li l-inkwilini jissodisfaw it-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi ffissata f'ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjetà skont il-liġi.

Ra r-risposta tal-Intimata Maria Assunta Magro (K.I 357149M) tat-18 ta' Marzu 2022, fejn sommarjament, eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti tikkonferma illi hija tabita fil-fond bl-indirizz 6, Misraħ Santa Marija, Qrendi, u dan b'titolu ta' kera;

2. Illi l-esponenti tirrileva illi hija dejjem ħallset il-kera dovuta u dejjem wettqet l-obbligi tagħha skond il-liġi;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu, l-esponenti tirrileva li l-mezzi finanzjarji tiegħu huma ferm limitati u li prova ta' dan se jkunu qed jinġiebu fil-mori tal-kawża u li għalhekk għandu jgawdi mill-protezzjoni li tipprovdi l-liġi;

4. Illi fid-deliberazzjoni tal-Bord dwar varjazzjoni tal-kera għandha tittieħed konsiderazzjoni tad-dħul baxx u tant limitat tal-esponenti;

5. Illi għalhekk l-Esponenti umilment tħoss li dan il-Bord għandu jasal għal kwalunkwe varjazzjoni fl-ammont jew fil-kundizzjonijiet tal-kera mingħajr ma jordna li l-Esponenti tivvaka l-imsemmi fond wara t-terminu ta' sentejn;

6. Illi għalhekk l-Esponenti jirrimettu ruħhom għal proċedura stabbilita f'artikolu 4A et sequitur tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjeż.

Ra illi in ottemporanza mad-digriet ta' dan il-Bord tal-20 ta' Jannar 2022 fejn l-intimati wettqu it-test tal-mezzi ai termini tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011).

Ra illi l-Periti Membri tal-Bord, senjatament il-Perit David Zahra u l-Perit Valerio Schembri, ippreżentaw ir-relazzjoni tagħhom;

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidra;

Illi l-kawża odjerna qegħda ssir ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jagħti l-fakultà lis-sid tal-kera jadixxi lil dan il-Bord u jitlob żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-

sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidra;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessita jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti humiex is-sidien tal-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimata hijiex l-inkwilina ta' dan l-istess fond.

Illi skond ma jirriżulta mid-Denunzja ppreżentata in atti, ir-rikorrenti huma l-eredi tad-defunt Angelo Falzon li ġie nieqes fl-24 ta' April 1991.

Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti jiddikjaraw illi l-fond *de quo* ilu mikri lill-intimata u dan bis-saħħa tal-liġijiet ta' kera ta' qabel l-1995. Illi permezz ta' Ittra Uffiċjali ppreżentata fir-Reġistru tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Marzu 2017, ir-rikorrenti irrikonoxxew lill-intimata bħala l-unika inkwilina ta' dan il-fond.

Illi da parti tagħha, l-inkwilina tikkonferma fl-affidavit tagħha illi hija l-inkwilina tal-fond de quo u dan peress li oriġinarjament il-kera kienet fuq ommha u missierha u hi baqgħet tirrisjedi f'dan il-fond wara l-mewt tagħhom.

Illi b'hekk, fid-dawl ta' dak appena ddikjarat, il-Bord huwa sodisfatt illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-kera tal-fond in kwistjoni filwaqt li l-intimata hija l-inkwilina ta' dan l-istess fond.

Ikkonsidrat;

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi d-dħul tal-intimata Maria Assunta Magro kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), **ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(6) tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital tal-intimata, kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirriżulta li **lanqas dan ma jaqbeż** dak stipolat mir-Regolament 6(5) tar-Regolamenti msemmija.

B'hekk, il-Bord qiegħed isib illi l-intimata Maria Assunta Magro ma jeċċediex il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u konsegwentement **tissodisfa** l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 4A(5) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk, m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4A(4) tal-istess Kap.

Ikkonsidra;

Illi mir-rapport redatt mil-Periti tal-Bord jirriżulta illi l-fond in kwistjoni jikkonsisti minn *unconverted house of character* . Il-kostruzzjoni tal-fond tinstab fi stat tajjeb ta' manutensjoni. Il-finituri huma fi stat aċċettabbli iżda hemm sinjali ta' umdità.

Illi l-periti tal-Bord, wara li kkunsidraw il-fatturi msemmija fir-rapport tagħhom jistmaw il-valur tal-fond bħala fond ta' abitazzjoni, libera u franka fis-suq ħieles fl-ammont ta' erba' mija u ħamsin elf Ewro (€450,000).

Ikkonsidra;

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejh dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**[1]**,** fejn analiżżat l-għan tal-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

> *"il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas ta' kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom"*

Illi tenut kont ta dak kollu appena espost, kif ukoll tal-mezzi tal-intimat u tal-età tiegħu, il-Bord jemmen li l-awment fil-kera għandu jkun fl-ammont ta' 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo.*

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta' disat' elef ewro (€9,000) fis-sena.

Ikkonsidra;

Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti titlob ukoll l-imgħax legali kontra l-intimata.

Illi kif inhu risaput, il-Qrati nostrani kostantement ħaddnu l-prinċipju "in illiquidis non fit mora", ossija li fejn l-ammont m' huwiex wieħed ċert ma tistax tiskatta l-aplikazzjoni ta' imgħax legali. Illi l-ammonti

[1] **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 3 ta' Frar 2021, (Appell Nru 126/2018/LM).

ta' kera ġew stabbilit minn dan il-Bord permezz tal-preżenti sentenza u b'hekk m'huwiex lok fejn il-Bord jista' jilqa' t-talba għall-applikazzjoni tal-imgħax legali kif qed jitolbu r-rikorrenti.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba stante illi t-test tal-mezzi twettaq waqt l-andament tal-proċeduri.

2. Jiċħad it-tieni talba stante li l-intimata tissodisfa l-kriterji tat-Test tal-Mezzi.

3. Jilqa' t-tielet talba u jiddikjara illi l-kera tal-fond 6, Misraħ Santa Marija, il-Qrendi għandha tiġi riveduta għall-ammont ta' 2% tal-valur tal-fond fis-suq miftuħ fl-1 ta' Jannar 2021 u konsegwentement jawmenta l-kera pagabbli mill-intimata Maria Assunta Magro għal-ammont ta' disat' elef ewro (€9,000) fi-sena u jordna lill-intimata tibda tħallas lir-rikorrenti *in solidum* il-kera hekk awmentata b'effett mid-data tal-lum bħala d-data tas-sentenza u dan bil-modalità ta' erbgħa (4) skadenzi fis-sena, ċioè fl-ewwel ta Jannar, April, Lulju u Ottubru ta' kull sena;

4. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimata u tal-Awtorità intervenuta sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak li ġie deċiż hawn fuq.

Filwaqt li l-Bord qed jiċħad it-talba għall-imposizzjoni tal-imgħax, kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha ta’ dawn il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**